

Brussell, 18 ta' Frar 2019  
(OR. en)

6153/19

CFSP/PESC 96  
DEVGEN 23  
CLIMA 43  
COPS 31  
ENV 115  
ONU 10  
RELEX 105

#### **EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

|          |                                                                            |
|----------|----------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                           |
| lil:     | Delegazzjonijiet                                                           |
| Suġġett: | Diplomazija dwar il-Klima - Konklużjonijiet tal-Kunsill (18 ta' Frar 2019) |

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija dwar il-Klima kif adottati fit-3673 laqgħa tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2019.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR ID-DIPLOMAZIJA DWAR IL-KLIMA**

*Il-Kunsill adotta l-Konklużjonijiet li ġejjin:*

**L-urġenza biex tiżdied l-ambizzjoni globali, jissaħħaħ il-multilateraliżmu, u ssir implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim ta' Pariġi**

1. It-tibdil fil-klima huwa theddida diretta u eżistenzjali, li mhi ser taħfirha lil ebda pajjiż. Id-dinja diġà qed tesperjenza bosta impatti devastanti kkaġunati mit-tibdil fil-klima, iżda l-azzjoni biex dan jittrażżan għadha insuffiċjenti. Kif qal is-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, u kif ikkonfermat b'mod inekwivoku mir-Rapport Speċjali tal-IPCC dwar Tisħin Globali ta' 1.5 °C, id-dinja mhux qed tgħaġġel biżżejjed biex jiġi evitat tfixkil irriversibbli u katastrofiku fil-klima. F'dan il-kuntest, hija kwistjoni ta' urġenza kbira li jissaħħaħ ir-rispons globali għat-theddida tat-tibdil fil-klima fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli, u l-isforzi biex jinqered il-faqar. Għalhekk, l-Unjoni Ewropea hija determinata li tgħin biex tiżdied l-ambizzjoni globali u tmexxi azzjoni klimatika aktar mgħaġġla fuq il-fronti kollha u tirrikonoxxi l-implikazzjonijiet severi li jġib miegħu t-tibdil fil-klima għas-sigurtà u l-istabbiltà internazzjonali.

2. L-UE tafferma mill-ġdid l-impenn riżolut tagħha lejn il-Ftehim ta' Pariġi bħala l-qafas multilaterali essenzjali li jirregola l-azzjoni globali biex tittratta t-tibdil fil-klima. Il-Kunsill jifraħ lill-Presidenza tal-24 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (COP 24) talli ospitat konferenza b'suċċess fil-Polonja, u jilqa' r-riżultat pożittiv tagħha, il-"Ġabra tar-Regoli ta' Katowice", li jattrezza l-Ftehim ta' Pariġi biex iservi bħala pjattaforma effettiva, operattiva u trasparenti biex tindirizza l-isfidi globali l-aktar urġenti, u tipprovdi momentum b'saħħtu għall-pajjiżi kollha biex jimxu 'l quddiem u jżidu l-ambizzjoni globali favur il-klima. L-UE tinsab lesta li tikkomunika jew taġġorna l-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali (NDC) tagħha sal-2020, kif miftiehem f'Pariġi, b'kont meħud tal-isforzi ulterjuri meħtieġa b'mod kollettiv u tal-azzjonijiet meħuda mill-Partijiet kollha.

3. L-UE qed tmexxi bl-eżempju billi ssarra l-impenji ambizzjużi tagħha sal-2030 f'azzjoni konkreta u f'leġislazzjoni. Filwaqt li tirrikonoxxi l-ħtieġa għal ambizzjoni globali msaħħa, l-UE bdiet ukoll tfassal il-vizzjoni tagħha għal rotot lejn it-transizzjoni fit-tul għal futur newtrali għall-klima, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi. L-isfida tagħna hija li nilħqu dan l-għan, filwaqt li niżguraw transizzjoni ġusta għal kulħadd, li ma tħalli lil ħadd lura.

4. Il-Kunsill ihegġegħ lill-pajjiżi kollha biex jingħaqdu f'din iż-żieda meħtieġa fl-ambizzjoni globali, xprunata mis-sejbiet tal-aħħar Rapport tal-IPCC u d-djalogu ta' Talanoa, fejn tidher determinazzjoni kollettiva mġedda biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, b'mod partikolari li t-tisħin globali jiġi limitat għal sew taħt iż-2 °C, u jitkomplew l-isforzi biex tiġi limitata ż-żieda fit-temperatura għal 1.5 °C.

5. Il-klima tikkonċerna lil kulħadd: l-istati, l-organizzazzjonijiet, is-settur privat, iċ-ċittadini u l-partijiet interessati għandhom rwol x'jaqdu. Azzjoni miftiehma u trasformattiva għandha għalhekk testendi għal livelli multipli ta' governanza, bi rwol essenzjali għal atturi mhux statali u gvernijiet reġjonali u lokali fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ambizzjużi fuq il-post. Bl-istess mod, it-tkomplija tal-mobilizzazzjoni tal-finanzi neċessarji u t-trasferiment minn varjetà ta' sorsi, inklużi kontributuri ġodda, ser ikollhom rwol kruċjali fit-transizzjoni lejn ekonomiji b'emissjonijiet baxxi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima.

## **Il-klima, il-paċi u s-sigurtà**

6. Il-Kunsill huwa konvint li t-tibdil fil-klima jaġixxi bħala multiplikatur tat-theddid u dejjem iktar bħala theddida fih innifsu, b'implikazzjonijiet serji għall-paċi u s-sigurtà madwar id-dinja. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-ifqar u daww li jinsabu fl-aktar sitwazzjonijiet fraġli u vulnerabbli huma l-aktar esposti u l-anqas kapaċi jirrispondu jew jadattaw għat-tibdil fil-klima. Minbarra l-mitigazzjoni u l-adattament, il-bini ta' reżiljenza, is-sigurtà tal-ikel u tan-nutrizzjoni, it-tnaqqis fir-riskju ta' diżastri, il-prevenzjoni tal-kunflitti u l-iżvilupp sostenibbli, b'mod partikolari l-ġestjoni sostenibbli tad-domanda u l-ġestjoni u l-użu tar-riżorsi naturali u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, hemm il-pilastri fundamentali kollha tal-ġestjoni tar-riskji tat-tibdil fil-klima. L-integrazzjoni ta' perspettiva ta' sigurtà fi ħdan dawn il-proċessi kollha, filwaqt li tiġi żgurata parteċipazzjoni inklużiva, hija fundamentali sabiex jittaffew l-impatti destabbilizzanti tat-tibdil fil-klima u l-impatt negattiv tiegħu fuq il-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

7. Il-Kunsill jinsab imħasseb serjament dwar id-deterjorament tal-bijodiversità globali, ir-riżorsi tal-ilma u l-ekosistemi tad-dinja u t-theddidiet dejjem jikbru maħluqa mid-degradazzjoni tal-art, l-iskarsezza tal-ilma, ir-riskji relatati mal-ilma u avvenimenti estremi tal-ilma. Is-sejba tal-Kunsill tal-Artiku li l-Artiku qed jisħon b'rata ta' aktar mid-doppju tal-medja globali hija ta' tħassib partikolari li jirriżulta f'konsegwenzi globali serji. Il-Kunsill ifakkar fl-impenn tal-UE li ssaħħaħ l-appoġġ tagħha għall-protezzjoni tal-ambjent tal-Artiku, inklużi bit-tnaqqis ta' sustanzi li jniġġsu l-arja, b'mod partikolari l-karbonju iswed. Il-Kunsill jappoġġa sforzi internazzjonali komprensivi u miftiehma biex jiġu indirizzati l-impatti tat-tibdil fil-klima relatati mal-ilma f'konformità mal-konklużjonijiet tiegħu ta' Novembru 2018 dwar id-Diplomazija fil-Qasam tal-Ilma. Il-Kunsill jinkoraġġixxi t-teħid ta' azzjoni klimatika favur l-oċean, inkluż permezz ta' soluzzjonijiet kostali u tal-baħar ibbażati fuq in-natura, fi ħdan strateġiji rilevanti fit-tul għal emissjonijiet baxxi. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-kooperazzjoni transkonfinali bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi sħab, b'mod partikolari dwar il-valutazzjoni tal-impatti ambjentali transkonfinali kif ukoll valutazzjonijiet tas-sigurtà, inkluża s-sigurtà nukleari.

8. Il-Kunsill jilqa' l-Avveniment ta' Livell Għoli organizzat mir-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni fit-22 ta' Ġunju 2018, li enfażizza kemm l-urġenza kif ukoll l-importanza li jiġu indirizzati r-riskji li jgħib miegħu t-tibdil fil-klima għas-sigurtà u l-paċi. Il-parteciċipanti taw xhieda tal-ħafna theddidiet għas-sigurtà kemm reali kif ukoll potenzjali li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima, u għibdu l-attenzjoni għal responsabbiltà kollettiva biex dawn l-impatti jiġu antiċipati, ikun hemm tħejjija għalihom u biex dawn jittaffew. Il-Kunsill jilqa' aktar avvenimenti, li jibnu fuq inizjattivi eżistenti bħall-Inizjattiva dwar is-Sigurtà Planetarja u s-Summit ta' Budapest dwar l-Ilma tal-2019.

9. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri tal-UE biex jiżguraw li l-ġhodod għall-prevenzjoni bħas-Sistema ta' Twissija Bikrija tal-UE għall-Konflitti jqisu l-isfidi għas-sigurtà marbuta mal-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima u fatturi ta' riskju ambjentali u biex issaħħu r-rabta bejn it-twissija bikrija u l-azzjoni bikrija f'firxa ta' oqsma ta' politika, inklużi l-valutazzjonijiet tar-riskju u tal-impatt u l-istrateġiji fil-post. Il-Kunsill jistieden ukoll lill-atturi tal-UE għas-sigurtà u d-difiża biex iqajmu l-kuxjenza dwar ir-riskji għas-sigurtà relatati mat-tibdil fil-klima.

10. Il-Kunsill jilqa' l-enfasi miżjuda fuq l-implikazzjonijiet ta' sigurtà tat-tibdil fil-klima fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż permezz tad-dibattiti dedikati li saru fil-11 ta' Lulju 2018 u fil-25 ta' Jannar 2019, taħt il-Presidenzi tal-Iżvezja u tar-Repubblika Dominicana rispettivament. Il-Kunsill jilqa' l-passi biex tissaħħaħ din il-ħidma fl-istrutturi kollha tan-NU, permezz ta' mekkaniżmu inizjali ddedikat, biex jindirizza riskji għas-sigurtà relatati mal-klima. Il-Kunsill ikompli jhegġegħ lill-KSNU u s-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti biex joħlqu bażi ta' informazzjoni komprensiva għall-KSNU dwar ir-riskji għas-sigurtà relatati mal-klima, biex jintegraw bis-siġħ fuq perijodu ta' żmien qasir u fit-tul fatturi ta' riskju ambjentali u għall-klima fil-valutazzjoni u l-ġestjoni ta' theddidiet għall-paċi u s-sigurtà, fil-livell ta' pajjiż, dak reġjonali u internazzjonali, u biex jagħmlu użu mill-kompetenza tas-sistema sħiħa tan-NU sabiex jinstabu risponsi operazzjonali għal dawn ir-riskji u jissaħħu l-missjonijiet tan-NU fuq il-post, pereżempju permezz tal-infurzar ta' mekkaniżmi ta' twissija bikrija eżistenti.

## **L-2019 bħala sena kritika għall-azzjoni klimatika, u l-iżvilupp sostenibbli, fil-livell tan-Nazzjonijiet Uniti**

11. Jenħtieġ li b'mod urġenti tittieħed aktar azzjoni deċiżiva mill-partijiet kollha. Il-Kunsill jistenna bil-ħerqa s-serje ta' avvenimenti ta' livell għoli biex jiġu appoġġati l-impenji għal azzjoni klimatika globali rapida u ambizzjuża matul l-2019. Il-Forum Politiku ta' Livell Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti ta' Lulju 2019, huwa opportunità prezzjuża biex jiġu enfasizzati s-sinerġiji bejn l-azzjoni klimatika u l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, kif muri wkoll fir-Rapport Speċjali tal-IPCC dwar 1.5 °C, b'mod partikolari r-rabtiet bejn l-għanijiet 13 u 16, u biex tiġi promossa l-implimentazzjoni tagħhom. L-UE tappella wkoll lis-sħab kollha biex jingħaqdu billi jagħmlu kontribuzzjonijiet sostantivi u pożittivi fis-Summit dwar il-Klima tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti "Tellieqa Li Nistgħu Nirbħu. Tellieqa Li Jeħtieġ Li Nirbħu" f'Settembru 2019 – kif ukoll għas-Summit tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli li wkoll ser isir fil-ftuħ tal-74 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti. L-UE tqis is-Summit dwar il-Klima tas-SĠ tan-NU bħala opportunità essenzjali biex tiġi mmobilizzata r-rieda politika biex tiżdied l-ambizzjoni globali għall-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi u biex tintwera azzjoni trasformattiva mill-gvernijiet u atturi mhux statali.

12. L-azzjoni klimatika u l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa u l-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri għandhom isaħħu lil xulxin b'mod reċiproku. L-UE tistenna bil-ħerqa l-2019 bħala s-sena ta' spinta ulterjuri għall-konverġenza – kemm fil-livell domestiku kif ukoll f'dak multilaterali – bejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-aġendi dwar il-klima. L-UE tappella lis-sħab kollha biex jappoġġaw il-ħidma tas-Segretarju Ġenerali tan-NU biex iqarreb dawn il-binarij lejn xulxin. L-UE ser tkompli tonora, tippromwovi u ttiproteġi d-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tiŝiħ tal-pożizzjoni tan-nisa fil-kuntest tal-azzjoni klimatika.

13. L-UE tibqa' wkoll impenjata li timmassimizza l-kontribut għall-klima minn proċessi multilaterali rilevanti oħra, partikolarment b'appell lill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) biex b'mod rapidu timplimenta Skema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA) effettiva, filwaqt li tiżgura l-integrità ambjentali tagħha, u taqbel dwar mira fit-tul fl-assemblea tagħha li jmiss. L-UE tappella wkoll lill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) biex timplimenta l-istrateġija inizjali tagħha dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'mod konsistenti mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-temperatura. L-UE tilqa' d-dħul fis-seħħ tal-Emenda ta' Kigali għall-Protokoll ta' Montreal fl-1 ta' Jannar 2019, li tikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, u tistieden lill-partijiet l-oħra għall-Protokoll ta' Montreal biex jirratifikaw din l-emenda mill-aktar fis possibbli.

#### **Tellieqa li lkoll nistgħu nirbħu: l-Istrateġija fuq Perijodu Twil tal-UE**

14. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-limitazzjoni tat-tisħin globali għal sew taħt iż-2 °C, li ssegwi l-isforzi biex tiġi limitata ż-żieda fit-temperatura għal 1.5 °C, tirrikjedi trasformazzjoni rapida u vasta tas-soċjetà, ħarsien tal-ambjent u transizzjoni ekonomika li jseħħu matul l-għexieren ta' snin li ġejjin. L-UE ser tippreżenta lill-UNFCCC strateġija ambizzjuża u fit-tul sal-2020, li tistinka għan-newtralità klimatika f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, u tappella lill-Partijiet kollha għall-Ftehim biex jippreżentaw l-istrateġiji fit-tul tagħhom fil-ħin.

15. L-UE ser tkompli tikkoopera u tiskambja ma' sħabha, l-esperjenzi u l-aħjar Prattiki biex jitħaffu l-implimentazzjoni ta' politika ambizzjuża u effettiva u l-ippjanar bil-quddiem. L-UE tissottolinja l-ħtieġa partikolari għall-ekonomiji tal-G20, li jammontaw għal madwar 80% tal-emissjonijiet globali, li juru sens ta' tmexxija u jressqu strateġiji ambizzjużi fit-tul sal-2020 f'konformità mal-għanijiet fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi dwar l-azzjoni klimatika. L-azzjoni klimatika diġà tikkostitwixxi parti importanti mill-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u l-UE ser iżżid id-djalogi politiċi tagħha u d-diplomazija dwar il-klima u l-enerġija biex tiffoka fuq l-azzjoni u tinkoraġġixxi s-sħab strateġiċi tagħha biex iħaffu t-transizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, newtrali għall-klima, u reżiljenti għat-tibdil fil-klima.

16. Il-Kunsill jinnota li t-transizzjoni globali meħtieġa lil hinn mill-karburanti fossili ser tinvolvi bidliet potenzjalment sinifikanti fil-bilanċ ġeopolitiku, li jista' jkollhom implikazzjonijiet għall-politika barranija u ta' sigurtà għall-UE kif stabbilit reċentement mill-Kummissjoni Globali dwar il-Ġeopolitika tat-Trasformazzjoni tal-Enerġija. Il-Kunsill għalhekk jilqa' l-viżjoni strateġika fit-tul tal-Kummissjoni Ewropea għal ekonomija sinjura, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima - "Pjaneta Nadifa għal Kulħadd". Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li d-diskussjonijiet jiffukaw fuq rotot differenti biex tinkiseb in-newtralità għall-klima f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza li jitqiesu b'attenzjoni l-indikaturi bbażati fuq ix-xjenza u l-evidenza, filwaqt li tiġi żgurata transizzjoni ġusta billi jitqiesu ċirkostanzi soċjoekonomiċi speċifiċi, isir investiment f'soluzzjonijiet teknoloġiċi innovattivi, tingħata s-setgħa liċ-ċittadini u l-atturi mhux statali u tiġi allinjata l-azzjoni f'oqsma ewlenin bħall-enerġija u l-politika industrijali, il-politika agrikola, ir-riċerka, u l-politika finanzjarja. Il-Kunsill ifakkar li l-ipprezzar tal-karbonju u r-riforma tas-sussidji fuq karburanti fossili huma passi ewlenin fil-ħolqien ta' ambjent abilitanti biex il-flussi finanzjarji jkunu konsistenti ma' rotta lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra siguri u sostenibbli kif ukoll żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima.

#### **Aktar tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-appoġġ tal-UE fil-livell internazzjonali għall-klima**

17. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli u lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-azzjoni klimatika tal-UE tindirizza l-firxa sħiħa ta' sfidi u impatti. Jeħtieġ li d-djalogi politiċi fil-livelli kollha u l-pjanijiet ta' azzjoni konġunta jinkludu l-azzjoni klimatika. Ir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni huma mħeġġa jagħtu l-konsiderazzjoni meħtieġa għall-azzjoni klimatika fl-ipprogrammar futur tal-kooperazzjoni finanzjarja u teknika ma' pajjiżi sħab, inkluż taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.

18. L-UE u l-Istati Membri tagħha jibqgħu impenjati li jkomplu jżidu l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament internazzjonali għall-klima, bħala parti mill-għan kollettiv tal-pajjiżi żviluppati biex b'mod konġunt jimmobilizzaw USD 100 biljun kull sena sal-2020 mbagħad tul is-snin sal-2025 għal finijiet ta' mitigazzjoni u adattament, minn firxa wiesgħa ta' sorsi, strumenti u mezzi, kemm pubbliċi kif ukoll privati. Huma jinsabu impenjati għall-għan tal-Ftehim ta' Pariġi biex il-flussi finanzjarji jkunu konsistenti ma' rotta lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni: il-finanzjament għat-tkabbir sostenibbli. L-UE ser tkompli bl-isforzi internazzjonali tagħha biex tiżgura mobilizzazzjoni finanzjarja simili minn sħab u pajjiżi oħra.

19. L-UE u l-Istati Membri tagħha jirrikonoxxu l-importanza ta' miżuri u azzjonijiet għall-adattament għall-impatti tat-tibdil fil-klima, inkluż it-tisħiħ tar-reżiljenza u t-tnaqqis tal-vulnerabbiltà. Barra minn hekk, hija tenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab kollha fil-qasam tal-adattament, b'mod partikolari fil-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-Istati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw (SIDS) li huma tassew vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima.

---